MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 355/1991/1

**Joseph Borg Muscat ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà J.B.M. Construction Co. Ltd.**

**vs**

**Michael Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Attard Bros. Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur, fil-kwalità taghha premessa, wara illi ppremetta:

illi l-attur nomine b'citazzjoni numru 780/90 ippresenta quddiem l-istess Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Lulju, 1990 fl-ismijiet "Joseph Borg Muscat nomine vs. Michael Attard nomine" wara illi ppremetta illi l-attur nomine li kien gie b'kuntratt tat-12 ta' Dicembru, 1983 appaltat mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ix-xoghol ta' kostruzzjoni ta' "bins" sezzjoni ta' "Head House" ghal "Grain Silo Project" f'Kordin (Dok. "A") flimsemmija citazzjoni - u wara li ppremetta li l-attur kien qabbad lill-konvenut nomine biex jezegwixxi xogholijiet u cioè parti mix-xogholijiet mill-appalt originali u dana bil-kunsens ta' l-istess Dipartiment u ghal dan il-fini giet iffirmata skrittura privata bejn il-kontendenti datata 14 ta' Frar, 1984 u fost il-kondizzjonijiet hemm stipulati, is-socjetà konvenuta kellha thallas is-socjetà attrici hamsa fil-mija (5%) tax-xoghol imwettaq mis-socjetà konvenuta - u wara li ppremetta ukoll illi il-valur tax-xoghol li sar mis-socjetà konvenuta jammonta ghal tlieta u hamsin elf, hames mija u sittin lira (Lm53,560) oltre ammonti ohra li ma setghux jigu kwantifikati mill-attur nomine din ic-cifra giet ikkalkolata min dak li seta ikejjel l-attur - u wara li ippremetta ukoll illi s-socjetà konvenuta ma hallset ebda ammont mill-5% dovut lis-socjetà attrici skond l-istess skrittura fuq imsemmija - u wara li ppremetta li skond l-istess stima il-percentagg jammonta ghal elfejn sitt mija tmienja u sebghin liri Maltin (Lm2678) - u wara li ppremetta li s-socjetà konvenuta naqset li thallas u taghti rendikont tax-xogholijiet minnha esegwiti u dana anqas wara diversi interpellazzjonijiet - talab li l-istess Qorti (1) li l-konvenut nomine jigi ordnat jaghti rendikont tax-xogholijiet kollha effettivament esegwiti minnu in konnessjoni max-xoghol ta' kostruzzjoni ta' "bins" Sezzjoni ta' "Head House" ghal "Grain Silo Project" f'Kordin skond skrittura bejn il-kontendenti u (2) tigi likwidata is-somma dovuta lill-attur nomine u cioè il-5% fuq il-prezz dovut ghall-istess xogholijiet esegwiti mill-konvenut nomine u dana dejjem skond l-iskrittura tal-14 ta' Frar, 1984 u (3) l-

istess konvenut nomine jigi kundannat ihallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata;
illi l-konvenut nomine permezz ta’ nota ippresentata fl-udjenza tal-10 ta’ Jannar, 1991 kien ammetta it-talbiet;
illi b’sentenza tal-10 ta’ Jannar, 1991 il-Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza u fuq ammissjoni tal-konvenut laqghet it-talbiet ta’ l-attur nomine izda fl-imsemmija sentenza l-istess Qorti ma illikwidatx l-ammonti li kienu dovuti lill-attur nomine abbazi ta’ l-istess premessi u talbiet;
illi l-attur nomine ghandu interess li tigi likwidata is-somma lilu dovuta mill-konvenut nomine abbazi ta’ l-iskrittura ta’ l-14 ta’ Frar, 1984 u cioè li l-konvenut ihallas lill-attur il-5% fuq l-ammont ta’ xoghol minnu esegwit abbazi ta’ l-istess skrittura wara li jigu kwantifikati l-istess xogholijiet;
in vista tal-fuq espost u wkoll abbazi tal-premessi tac-citazzjoni Numru 780/90 fl-ismijiet fuq indikati, talab ghaliex l-imsemmija Qorti ma kellhiex (1) tordna lill-konvenut nomine jaghti rendikont tax-xogholijiet kollha effettivament esegwiti minnu in konnessjoni tax-xoghol ta’ kostruzzjoni ta’ “bins” sezzjoni ta’ “Heard House” ghal “Grain Silo Project” f’Kordin skond skrittura bejn il-kontendenti tal-14 ta’ Frar, 1984 (Dok. “X”) u (2) tillikwida s-somma dovuta lill-attur nomine u cioè il-5% fuq il-prezz tax-xogholijiet esegwiti mill-konvenut nomine u dana dejjem skond il-fuq imsemmija skrittura tal-14 ta’ Frar, 1984 u (3) tikkundanna lill-istess konvenut nomine ihallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata - okkorrendo permezz ta’ periti nominandi;
bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine, il-lista tax-xhieda u dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Mejju, 1991, illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-istess attur qieghed permezz ta’ din l-istanza jipprova jottjeni sentenza li tkun difettuza u ritrattabbli a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. L-ewwel talba attrici ma tistax tigi akkolta ghaliex timporta kontradizzjoni ovvja. Il-Qorti qeghda tintalab sabiex b'sentenza wahda tillikwida ammont a bazi tad-dokumenti illi l-prezentata taghhom hija mitluba fl-ewwel talba meta dawk id-dokumenti m'humiex sejrin jigu pprezentati qabel ma tinghata dik is-sentenza. Haga illi ovvjament ma tistax issir kemm-il darba it-talbiet attrici jigu iddeterminati b'sentenza wahda. Il-ligi tal-procedura toffri r-rimedji taghha lill-attur illi ma jinvolvuhx f'din il-kontradizzjoni u kwindi l-ispejjez ta' din it-talba ghandhom jigu sopportati mill-attur;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, ipprezentata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 1992, illi permezz taghha eccepixxa:
Illi t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha ghaliex il-provi migbura fil-kors ta' l-ewwel kawza deciza bejn il-kontendenti, senjatament il-kawza Joseph Borg Muscat noe vs Michael Attard noe (Citazz numru 780/90JDC) ma jwasslux sabiex is-somma mitluba mill-attur nomine tigi likwidata kif del resto jirrizulta *ex ammissis* (*sic*) minn natura tat-talbiet attrici intavolati u fl-istess waqt l-istess attur nomine huwa prekluz minn natura ta' l-azzjoni milli jipproduci provi ulterjuri;

Rat is-sentenza *in parte* tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar, 1994 illi permezz taghha l-allura Qorti tal-Kummerc cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut nomine bl-ispejjes kontra l-istess konvenut nomine, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Din il-Qorti, però, thoss li aktar milli eccezzjoni din hija sottomissjoni u, dippiù, sottomissjoni li, se mai, l-konvenut jista' jaghmilha biss meta l-kawza tkun waslet ghad-decizjoni dwar il-mertu. Dan il-Qorti qeghda tghidu ghaliex mhix haga li wiehed jista' jikkomprendi kif, f'dan l-istadju, meta cioè ghadha lanqas biss taf xi provi effettivament saru fil-kawza fl-istess ismijiet 'Joseph Borg Muscat noe vs Michael Attard noe' (Citaz Nru 780/90F),

jista' jigi deciz li t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha. Huwa sens komun li l-ebda Qorti ma tista' tiddeciedi hekk aprijoristikament li attur ma jistax jirnexxi bl-azzjoni li jkun esperixxa.
"Il-konvenut, fl-imsemmija eccezzjoni, jghid li l-provi migbura fl-ewwel kawza ma jwasslux biex is-somma mitluba mill-attur nomine tigi likwidata u fl-istess waqt l-istess attur nomine huwa prekluz milli jipproduci provi ulterjuri. Dan, fil-fehma tal-Qorti huwa kaz tipiku ta' 'adducere in conveniens' u r-risposta ghandha tkun li l-ewwel wiehed jara u jezamina l-portata tax-xhieda li tressqet fl-imsemmija kawza, umbghad wiehed jara jekk it-talbiet attrici humiex gustifikati. Din il-Qorti terga' tghid li s'issa m tafx x'provi saru f'dik il-kawza ghaliex hadd mill-partijiet ma talab l-allegazzjoni tal-process.
"Huma x'inhuma dawn il-provi, l-attur nomine, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, jghid li fil-kawza odjerna qieghed jistrieh fuq il-provi migbura fil-kawza l-ohra u dan jissottomettih fl-istess waqt li jiddikjara li f'din il-kawza mhux bihsiebu jtella' provi ohra. Kwindi, l-attur nomine jidher li ghandu fehma kuntrarja.
"Jekk, imbaghad, jigi objettat li kulma qieghed jipprova jghid il-konvenut nomine b'din l-eccezzjoni huwa li l-attur nomine ma jistax jipproduci provi godda fil-kawza odjerna, r-risposta ghandha tkun li dan ma talabx li jigi permess lili li jressaq provi godda. Inoltre, dan lanqas jidher li ghad ikun il-kaz ghaliex huwa ddikjara minghajr mezzi termini li mhux bihsiebu li jtella' provi godda f'din il-procedura. Fi kwalunkwe kaz, l-eccezzjoni tal-konvenut nomine intiza f'dan is-sens biss setghet, talvolta, tkun gustifikata kieku l-attur nomine ghamel talba biex jipproduci xhieda godda.
"Din il-Qorti, ghalhekk, ma jidhrilhiex li l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut nomine hija sostenibbli legalment."

Rat is-sentenza in parte tas-sittax (16) ta' Mejju, 1997 tal-Prim Awla tal-Qorti Civili illi fil-parti deciziva taghha tghid hekk:
"Taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' l-ewwel talba u hekk tipprefiggi lill-konvenut nonine t-terminu ta' xahar sabiex jaghti rendikont tax-xogholijiet kollha effettivament esegwiti minnu in konnessjoni max-xoghol ta' kostruzzjonita' 'bins'

sezzjoni ta' "Head House" ghall-"Grain Silo Project" f' Kordin skond l-iskrittura tal-14 ta' Frar, 1984 (Dok X) u tordna li l-kawza tibqa differita ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta tas-27 ta' Gunju, 1997."

u dana wara illi dik il-Qorti kkunsidrat hekk:

"Li l-azzjoni odjerna hija dik kontemplata fl-artikolu 235 tal-Kap. 12 li jghid hekk:

"Meta l-qorti ta' l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell ab omissa decisione:

"Izda, kull wahda mill-partijiet tista' fiz-zmien ta' hmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti ta' l-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f'dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak in-nhar ta' l-ahhar decizjoni:

"Izda, ukoll kull wahda mill-partijiet tista' f'kull zmien li jkun, titlob quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz ta' citazzjoni, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza".

"Hu car li l-attur nomine ghazel li jipprocedi skond dan l-ahhar 'proviso' ghaliex l-att promotorju odjern huwa wiehed ta' citazzjoni.

"Fil-premessi tac-citazzjoni, l-attur nomine jibda biex jaghmel referenza ghac-citazzjoni, fl-istess ismijiet, u, wara li jinkorpora l-premessi kollha hemm kontenuti, izid jippremetti 'li l-konvenut nomine permezz ta' nota pprezentata fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 1991 kien ammetta t-talbiet' u 'li b'sentenza tal-10 ta' Jannar, 1991 l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza u fuq ammissjoni tal-konvenut laqghet it-talbiet tal-attur nomine izda fl-imsemmija sentenza l-istess Qorti ma llikwidatx l-ammonti li kienu dovuti lill-attur nomine abbazi ta' l-istess premessi', kif ukoll 'li l-attur nomine ghandu interess li tigi likwidata s-somma lilu dovuta mill-konvenut nomine abbazi tal-iskrittura tal-14 ta' Frar, 1984 u cioè li l-konvenut ihallas lill-attur il-hamsa fil-mija (5%) fuq l-ammont ta' xoghol minnu esegwit abbazi tal-istess skrittura wara li jigu kwantifikati l-istess xogholijiet'.

"Umbaghad, l-istess attur jitlob li l-konvenut nomine jghid 'in vista tal-fuq espost u wkoll abbazi tal-premessi tac-citazzjoni numru 780/90F fl-ismijiet fuq indikati' ghaliex din

il-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi skond it-talbiet tieghu li huma tlieta (3) fin-numru u li huma identici ghal dawk tac-citazzjoni numru 780/90F.
"L-attur nomine esibixxa kopja tas-sentenza in kwistjoni (a fol. 26) u minnha jirrizulta li l-parti disposittiva taghha hija kif ser jinghad:
"Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kontra l-konvenut bl-ispejjes gudizzjarji (taxxa come ammessa) u bl-interessi legali kif mitlub sal-hlas effettiv".
"Il-'considerandi' tas-sentenza kienu tnejn biss: li l-provi ma kienux kontradetti u li t-talbiet jirrizultaw ammessi.
"L-attur nomine jillamenta li, ghalkemm il-Qorti ddecidiet il-kawza, l-istess Qorti baqghet ma llikwidatx l-ammont li kien dovut lilu abbazi ta' l-istess premessi.
"Proprijament, l-istess attur nomine kien ikun izjed preciz kieku qal li l-Qorti, ghalkemm iddecidiet il-kawza, m'hux biss ma llikwidatx l-ammont dovut lilu izda lanqas ma pprefiggiet lill-konvenut nomine terminu sabiex jirrendi kont fit-termini ta' l-ewwel domanda biex tkun tista' tillikwida l-ammont dovut lill-attur nomine skond it-tieni domanda.
"Jidher evidenti li dan in-nuqqas kien l-effett ta' 'lapsus' u din il-Qorti jidrilha li, ghalkemm fis-sentenza in kwistjoni gew adoperati l-kliem 'tilqa' t-talbiet', li normalment jintuzaw meta l-kawza tkun ammessa, ma jistax jinghad li b'hekk gie likwidat l-ammont dovut lill-attur nomine in bazi ghall-iskrittura tal-14 ta' Frar, 1984, u, ghalhekk, l-azzjoni tieghu jirrizulta li hi gustifikata.
"Din il-Qorti, però, ma tistax tghaddi biex tillikwida l-ammont dovut lill-attur nomine qabel ma l-konvenut nomine jinghata terminu biex jipprezenta r-rendikont tieghu fit-termini ta' l-ewwel domanda.
"Dan qieghed jinghad ghaliex l-artikolu 394(1) tal-Kap. 12 ighid espressament dan: 'Meta min ghandu jaghti l-kont ma jipprezentahx fiz-zmien stabbilit, il-qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispecifika, imqar b'gurament, is-somma li ghandha tinghata'.
"Fil-kaz in ezami, l-attur nomine digja specifika bil-gurament tieghu li s-somma dovuta lilu hija fis-somma ta' elfejn sitt mija u tmienja u sebghin lira (LM2,678), izda l-Qorti ma tistax tghaddi biex tillikwida dan l-ammont favur l-attur nomine f'dan l-istadju tal-kawza."

Rat is-sentenza tas-sittax (16) ta’ Jannar, 1998 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici u hekk (1) illikwidat s-somma dovuta lill-attur nomine fit-termini tat-tieni talba fis-somma ta’ elfejn sitt mija u tmienja u sebghin lira (Lm2678) u (2) ikkundannat lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine is-somma ta’ Lm2678 hekk likwidata u dovuta kif inghad, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv u ordnat illi l-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut nomine wara illi kkunsidrat:

“Li l-konvenut nomine, ghalkemm gie prefiss lilu t-terminu ta’ xahar, kif inghad, a tenur tal-Artikolu 394(1) tal-Kap. 12 u fit-termini tal-ewwel talba attrici, halla dan l-istess zmien jghaddi inutilment billi huwa baqa’ ma pprezenta l-ebda rendikont.

“L-attur nomine, da parti tieghu, xehed li huwa qed jippretendi li ghandu jithallas is-somma ta’ elfejn u sitt mija u tmienja u sebghin lira (Lm2678.00) bir-ragun tal-hamsa fil-mija (5%) kif hemm previst fl-iskrittura ta ftehim tal-14 ta Frar, 1984(Dok - fol.6). Dan ifiiser illi huwa qieghed isostni li x-xoghol kollu li twettaq mill-konvenut nomine skond l-imsemmija skrittura kien jammonta ghal valur ta tlieta u hamsin elf u hames mija u sittin lira (Lm53560.00).

“F’dawn ic-cirkostazi, ghalhekk, din il-Qorti thoss li ghandha tillikwida favur l-attur nomine l-kummissjoni tal-hamsa fil-mija (5%) dovuta lilu in forza tal-iskrittura imsemmija fis-somma ta Lm2678.00 u dan in bazi ghall-valur tax-xoghol esegwit mill-kumpannija rapprezentata mill-konvenut li skond l-attur nomine kien jammonta ghal Lm53560.00.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut nomine illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi dina l-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka s-sentenzi appellati tal-21 ta’ Jannar, 1994, tas-16 ta’ Majju, 1997 u tas-16 ta’ Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attrici (*sic*) appellata;

Rat ir-risposta ta’ l-attur appelat illi permezz taghha ssottometta illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, salv ghal dak li jirrigwarda il-komputazzjoni ta’ l-imghaxijiet fuq l-ammont dikjarat li huwa dovut lilu, u ipprevalixxa ruhu mill-appell tal-konvenut sabiex interpona appell incidentali dwar l-istess imghaxijiet, u talab illi dina l-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenut appellanti u tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn laqghet it-talba tieghu u ikkundannat lill-konvenut appellanti ihallas is-somma ta’ Lm2678 u tirriformaha f’dak illi jirrigwarda l-imghaxijiet fis-sens illi dawn ghandhom jibdew jghoddu mill-prezentata tac-citazzjoni u cioè mit-12 ta’ Lulju, 1990 u hekk tirriforma s-sentenza appellata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine, ipprezentata fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Frar, 1998, illi permezz taghha ssottometta illi t-talba ta’ l-attur appellat interposta fl-appell incidentali ghandha tigi michuda bl-ispejjes;

Semghat it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut appellat u rat illi l-attur appellat irrimetta ruhu ghall-atti tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi meta wiehed jifli sewwa l-aggravji tal-konenut appellant dwar is-sentenza parzjali tal-21 ta’ Jannar, 1994 isib illi, fir-realtà, huwa ghandu aggravju wiehed: illi l-eccezzjoni ulterjuri ma messha qatt giet michuda ghaliex, fil-kliem testwali tar-rikors ta’ appell: “Kien car illi permezz tat-talba tieghu, l-attur appellant kien qieghed jittenta jressaq provi illi ma kienx ressaq fl-ewwel kawza”, haga illi mhix legalment permissibbli fil-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-aggravju tal-konvenut appellant mhux fondat ghaliex mhux minnu illi l-attur appellant ittenta “jressaq provi illi ma kienx ressaq fl-ewwel kawza”. Mhux hekk

biss, izda, kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti fis-sentenza parzjali in ezami:
"… huwa [l-attur] ddikjara minghajr mezzi termini li mhux bi hsiebu li jtella' provi godda f'din il-procedura."
Fil-fatt, minn ezami ta' l-atti tal-kawza odjerna jirrizulta illi fl-istess kawza l-attur appellant ma ressaqx provi "godda" u illi l-ewwel Qorti iddeterminat finalment l-istess kawza a bazi <u>biss</u> tal-provi illi kien gew prodotti fil-kawza originali;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji kontra s-sentenza parzjali tas-16 ta' Mejju, 1997, illi biha intlaqghet l-ewwel (1) talba attrici fil-kawza odjerna, huma s-segwenti:
(1) illi l-ewwel talba fil-kawza originali kienet, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, "… identika ghall-ewwel talba tal-attur fil-kawza odjerna u meta kienet giet originarjament milqugha l-attur kien ottjena appuntu dak illi talab illi jottjeni, cioè ordni lill-appellant illi jaghti rendikont." L-appellant imbaghad ikompli jissottometti illi "… ghalhekk ma jifhimx kif din it-talba tista' qatt tinkwadra fir-rimedju ta' ommissio decisio (*sic*) u tevita l-applikazzjoni tad-duttrina ta' *res judicata*;
(2) illi sabiex imponiet lill-appellant t-terminu ta' xahar biex jipproduci r-rendikont mitlub l-ewwel Qorti ibbazat ruhu fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 394(1), Kap. 12 meta dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern; u
(3) illi l-ewwel Qorti ma jmissiex cahdet l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut appellant;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju huwa infondat ghaliex, ghalkemm huwa veru illi l-ewwel talba fil-kawza originali hija identika ghall-ewwel talba fil-kawza odjerna, mhux veru illi, ghal dak illi jirrigwarda din it-talba, bis-sentenza fil-kawza originali l-attur kien già "ottjena … dak illi talab illi jottjeni". Fil-fatt, dak illi ried jottjeni l-attur permezz ta' l-ewwel talba fil-kawza originali - u illi baqa' jrid jottjeni bl-ewwel talba fil-kawza odjerna - huwa illi, wara illi l-konvenut jaghti r-rendikont mitlub tkun tista' ssir il-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' l-ammont dovut lill-attur, kif mitlub fit-tieni u

fit-tielet talbiet tal-kawza originali (u tal-kawza odjerna). Fir-realtà, il-Qorti fis-sentenza fil-kawza originali ma ddecidietx l-ewwel talba ghal kollox ghaliex, trattandosi ta' talba dwar esekuzzjoni ta' fatt, oltre dak illi ddecidiet dwar l-ewwel talba, dik il-Qorti kienet obbligata illi, *ai termini* ta' l-artikolu 222, Kap. 12, taghti zmien lill-konvenut "sabiex jezegwixxi l-fatt" (fil-kaz in ezami illi jaghti r-rendikont) u illi tiddetermina "kif ghandha tigi esegwita s-sentenza fin-nuqqas ta' l-esekuzzjoni tal-fatt". Kien biss fis-sentenza appellata tas-16 ta' Mejju, 1997 illi sar dan kollu u illi, ghalhekk seta' jinghad illi l-ewwel talba giet deciza ghal kollox u skond il-ligi. Ghalhekk ukoll, dak illi jinghad fl-ewwel aggravju dwar *res judicata* mhux sostenibbli;
Ikkunsidrat:

Illi anqas it-tieni (2) aggravju ma jista' jintlaqa' ghaliex, anke kieku s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-artikolu 394(1), Kap. 12 mhux applikabbli ghall-kaz in ezami, kif ghadu kemm inghad fil-konsiderazzjoni ta' l-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 222, Kap. 12, kienet obbligata tipprefiggi terminu lill-konvenut sabiex jaghti r-rendikont mitlub;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju tal-appellant huwa illi l-ewwel Qorti ma messiex cahdet l-ewwel eccezzjoni tieghu. Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut qed isostni illi "… l-istess attur qieghed permezz ta' din l-istanza jipprova jottjeni sentenza illi tkun difettuza u ritrattabbli a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta." Dan l-aggravju huwa lampantement insostenibbli ghaliex permezz ta' l-istanza odjerna l-attur qed jipprova jottjeni biss dak illi, skond huwa, naqset illi tiddeciedi l-Qorti fis-sentenza fil-kawza originali, f'liema kawza l-konvenut kien ammetta t-talbiet. Ghalhekk dina l-Qorti ma tistax tifhem kif fil-kawza odjerna l-konvenut seta' qatt iressaq l-eccezzjoni in ezami meta huwa ma kienx ressaqha fil-kawza originali;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji kontra s-sentenza finali tas-16 ta' Jannar, 1998 huma s-segwenti:
(1) illi fis-sentenza moghtija fil-kawza originali "… it-talbiet … ma gewx ommessi jew imhollija barra mill-Qorti izda gew milqugha *in toto*" u, ghalhekk l-azzjoni odjerna ta' l-attur appellat ma treggix u illi "r-rimedju tal-attur ma jistghax jkun dak previst mill-Artikolu 235 minghajr ir-ridemsjonament (*sic*) u r-ridefenizzjoni tal-imsemmi Artikolu 235 u tat-tifsir tal-kelma 'maqtugha';
(2) illi s-sentenza "… hija bazata fuq provi illi ma ngabrux fil-kors tas-smiegh ta' l-ewwel kawza bejn il-kontendenti; u
(3) illi s-sentenza hija difettuza u ritrattabbli a tenur tal-Artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12;

Ikkunsidrat:

Illi, ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel (1) aggravju, ghall-precizjoni jrid jinghad illi s-sentenza tas-16 ta' Jannar, 1998 iddeterminat biss it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici illi jikkoncernaw likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas rispettivament. Fil-fatt, l-konvenut stess jammetti illi, ghalkemm fis-sentenza fil-kawza originali "il-likwidazzjoni mitluba mill-attur nomine ma saretx", isostni illi "it-talba ghall-likwidazzjoni giet milqugha." Fil-fehma ta' dina l-Qorti la darba huwa ammess mill-konvenut illi s-sentenza fil-kawza originali ma llikwidatx il-kumpens dovut lill-attur, ma jistghax jinghad illi t-tieni talba giet milqugha *in toto*. Isegwi logikament illi anqas it-tielet talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' l-ammont likwidat ma giet milqugha *in toto* fis-sentenza fil-kawza originali. Isegwi ukoll, ghalhekk, illi l-azzjoni attrici fil-kawza odjerna *ai temini* ta' l-artikolu 235, Kap. 12 hija *in regola*, u dana minghajr ebda htiega ta' "ridem[en]sjonament u … ridefenizzjoni tal-imsemmi Artikolu 235." Konsegwentement, l-aggravju in ezami tal-konvenut mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, kif già gie stabbilit aktar qabel f'dan il-gudikat, l-ewwel Qorti dderminat finalment il-kawza odjerna a bazi <u>biss</u> tal-provi illi kienu gew prodotti fil-kawza originali. Illi,

ghalhekk, anqas it-tieni aggravju ta’ l-appellant ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi dak illi jinghad fil-konsiderazzjoni tat-tielet aggravju tal-konvenut dwar is-sentenza parzjali tas-16 ta’ Mejju 1997 japplika ukoll ghat-tielet aggravju kontra s-sentenza finali u, ghalhekk, anqas dan l-ahhar imsemmi aggravju ma huwa fondat;

Ikkunsidrat dwar l-appell incidentali ta’ l-attur appellat:

Illi, fil-kliem testwali tar-risposta ta’ l-appell, l-aggravju ta’ l-attur huwa “… fis-sens illi l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta’ Jannar, 1998 akkordat l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut mid-data ta’ l-istess sentenza. Illi l-esponent ihoss illi l-ewwel Qorti kien imissha akkordat l-imghaxijiet mid-data ta’ meta dan l-ammont kien effettivament dovut jew ghall-inqas mid-data tal-presentata tac-citazzjoni originali u cioè mit-12 ta’ Lulju, 1990. Dan peress illi l-ammont li effettivament gie dikjarat bhala dovut kien cert u likwidu u dovut.” (sottolinear ta’ dina l-Qorti). Dina l-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur appellat qed isostni illi kien hemm xi ammont “cert u likwidu u dovut” qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata tas-16 ta’ Jannar, 1998 meta kienet l-istess sentenza illi, fuq talba ta’ l-attur, illikwidat l-ammont dovut. Ghalhekk, l-appell incidentali ta’ l-attur appellat ma jistax jigi milqugh;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut u billi tichad ukoll l-appell incidentali ta’ l-attur u billi tikkonferma s-sentenzi kollha appellati;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza illi jirrigwardaw l-appell tal-konvenut jigu sopportati kollha mill-istess konvenut appellant u illi l-ispejjes illi jirrigwardaw l-appell incidentali ta’ l-attur appellat jigu sopportati mill-istess attur.

---------------------------------TMIEM---------------------------------